MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 804/2007/1

**Med Developers, Designers & Consultants Limited**

**vs**

**Jonathan Aquilina, u Louise Aquilina mart Jonathan Aquilina ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha, Silvester Mifsud u Josette Misfud mart Silvester Mifsud ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati sabiex ihallsuha s-somma ta' elf, mitjen, erbgha u sebghin liri Maltin u erbghin centezmu

(Lm1,274.40), (€2970.88) dovuta skond kif indikat fuq rikjesta ta’ pagament rif. Nru. 732/ESM/084A/05 datata 3 ta’ Novembru 2005, u dan in konnessjoni ma’ servizzi professjonali rezi, oltre ghal ‘VAT’ relattiv u spejjez relatati. Bl-ispejjes tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 19 ta’ Settembru 2007, oltre l-imghaxijiet mid-data tal-hrug tar-rikjesta ta’ pagament relattiva, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi (i) preliminarjament, ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet stante li l-konvenuti qatt ma qabbdu lis-socjeta’ attrici taghmel xi xoghol; (ii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti hallsu dak kollu li kien dovut minnhom lil min effettivament kienu qabbdu biex jaghmel ix-xoghol rikjest minnhom; (iii) illi in addizzjoni u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kont anness mat-talba attrici jmur, f’parti zghira minnu, kontra l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta); (iv) salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici ngunta in subizzjoni.

Ra l-affidavit tal-Perit Anthony Bezzina.

Sema’ x-xhieda tal-Perit Anthony Bezzina.

Sema’ x-xhieda ta’ Clayton D’Amato prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Jonathan Aquilina.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Silvester Mifsud.

Sema’ x-xhieda ta’ Ronald Carbonaro prodott mill-konvenuti.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, s-socjeta' attrici qed titlob ammont dovut lilha allegatament ghal servizzi rezi lill-konvenuti, u partikolarment dawk ta' *3D images*, *designs* u *presentation posters,* fost affarijiet ohra.

Illi kif jidher car mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija attrici, l-Perit Anthony Bezzina huwa l-uniku Direttur u shareholder ta' din l-istess socjeta'. Fil-fatt, kif gie spjegat mill-Perit Bezzina, xoghol is-socjeta' attrici huwa li taghti *'support services'* ghas-servizzi ta' perit illi jkun ta hu stess. B'hekk, meta xi hadd ikun ha servizz minghandu, l-Perit Bezzina johrog kont separat ghal dak li jirrigwarda s-servizz strettament ta' perit, filwaqt li s-socjeta' attrici tohrog kont separat ghal dawk is-servizzi li jkunu nghataw lill-klijent u li ghandhom x'jaqsmu ma '*draughtsmanship*', '*land surveying'*, u '*3D imaging*' fost affarijiet ohra.

Illi fix-xhieda moghtija minnu, l-Perit Bezzina spjega b'mod car, x'kien l-inkarigu li nghata lilu mill-konvenuti, kif ukoll ix-xoghol li dan kien jinvolvi. Huwa kkonferma li x-xoghol ordnat mill-konvenuti kien sar kollu kemm hu fiz-zmien stipulat, u li l-konvenut Silvester Mifsud kien mar jigbor kollox, izda ma kien hallas xejn dakinhar. Skond il-perit dakinhar li Mifsud gabar ix-xoghol, kienu nghatawlu zewg kontijiet separati, u cioe, wiehed mahrug mill-perit stess, u l-iehor mahrug mis-socjeta' attrici. Sussegwentement il-konvenuti Silvester Mifsud u Jonathan Aquilina kienu marru jhallsu l-kont tal-perit, izda talbu xi zmien sabiex ihallsu l-kont tas-socjeta' attrici. Gara pero, li l-

kont tas-socjeta' attrici qatt ma thallas u ghalhekk kellha ssir din il-kawza

Illi x-xhud Clayton D'Amato, prodott mis-socjeta' attrici, xehed li wara li kienu ntbaghtu hafna '*reminders'* ghall-hlas da parti tas-socjeta' attrici lill-konvenuti, kienet saret laqgha bejn il-Perit Bezzina, l-konvenut Mifsud u l-konvenut l-iehor Aquilina, fejn kien prezenti hu stess. Waqt din il-laqgha l-konvenuti kienu talbu li jsir xi rohs (*discount)* fil-kont tas-socjeta' attrici, u kienu ftehmu li kienu lesti jhallsu l-ammont dovut wara li jsir tali rohs. Skond ix-xhud, alavolja l-kont gie mnaqqas ftit, u alavolja l-konvenuti kienu ftehmu fuq gurnata specifika sabiex jigu jhallsu l-kont, dan fil-fatt qatt ma sar.

Skond ix-xhieda moghtija mill-konvenuti, huma kienu taw inkarigu specifiku lill-Perit Anthony Bezzina ghal dak li xtaqu minghandu. Meta kien tlesta x-xoghol, Silvester Mifsud, Jonathan Aquilina u certu Ronald Carbonaro kienu marru jigbru kollox, u hallsu l-Perit l-ammont ta' Lm400 li kien talabhom, f'kontanti. Huma nghataw anki rcevuta minghandu. Il-konvenuti jikkontendu li l-Perit ma kienx ghaddilhom il-kont tas-socjeta' attrici dakinhar izda dan ircevewh xi xhur wara. Huma jikkontendu li qatt ma kienu qabbdu lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xi xoghol ghalihom.

Madanakollu l-konvenuti qatt ma cahdu li kienu rcevew diversi '*reminders*' minghand is-socjeta' attrici ghall-hlas, u hadd minnhom qatt ma cahad li kienet saret laqgha ghand il-perit sabiex jigi diskuss dan il-kont, jew li kien hemm ftehmin li l-kont kien ser jithallas wara li kellu jsir xi '*discount'*. Il-konvenuti semghu l-versjoni tas-socjeta' attrici izda naqsu ghal kollox milli jindirizzaw dawn l-allegazzjonijiet fuq imsemmija. Dan kollu jgieghel lit-Tribunal jasal ghal certu konkluzzjonijiet.

Illi ghalhekk, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha migbura u tax-xhieda kollha moghtija, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel.

Fl-ewwel lok, imkien ma jidher li hemm xi ilment dwar ix-xoghol li sar mill-perit. Lanqas ma hemm xi kontestazzjoni *per se* dwar ix-xogholijiet (*items*) imsemmija fil-kont mahrug mis-socjeta' attrici. Fil-fatt, jekk wiehed jifli sew il-process, imkien ma jidher illi l-konvenuti qedin jikkonstestaw l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jew is-servizzi msemmijin fl-istess kont. Fi kliem iehor, fl-ebda hin u mument ma jinghad mill-konvenuti li dawk is-servizzi imsemmija fil-kont tas-socjeta' attrici ma nghatawx lill-konvenuti, jew li l-ammont mitlub mhuwiex dovut ghaliex, per ezempju ix-xoghol sar hazin jew addirittura ma sarx. Dan iwassal lit-Tribunal sabiex jemmen li l-ammont mitlub fil-kont huwa wiehed gust, u li s-servizzi msemmija fil-kont verament inghataw.

Illi l-uniku ilment tal-konvenuti fir-rigward tal-kont tas-socjeta' attrici huwa fis-sens illi huma ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici ghaliex qatt ma nkarigaw lilha sabiex taghmel ix-xogholijiet. Din pero tidher li hi skuza fjakka fabbrikata sabiex il-konvenuti johorgu mill-obbligu taghhom tal-hlas ghas-servizzi rezi lilhom.

Illi dan jinghad ghaliex alavolja huwa minnu li l-konvenuti inkarigaw lill-Perit Bezzina personalment sabiex jaghmel ix-xoghol mitlub, ix-xoghol kollu sar, u minnflok li ntbaghat kont wiehed ghax-xoghol kollu, ntbaghtu zewg kontijiet separati. It-Tribunal ma jarax kif dan seta' b'xi mod jippregudika l-konvenuti. Kif spjega l-Perit Bezzina stess, huwa jahdem b'sistema partikolari, u cioe, filwaqt li johrog kont f'ismu ghal dawk is-servizzi rezi minn perit biss, is-socjeta' attrici tohrog kont separat ghal dawk is-servizzi l-ohra li bilfors iridu jsiru, u li jkunu saru (ezempju servizzi ta' *draughtsmen* ecc.). It-Tribunal ma jara xejn

partikolarment stramb b'din is-sistema, u lanqas ma jara kif din is-sistema setghet taffettwa b'mod negattiv lill-konvenuti.

Oltre dan, jirrizulta li fuq hafna mix-xoghol li l-konvenuti accettaw u hadu maghhom, bhal per ezempju l-presentation posters, hemm indikat bic-car li dan kien sar mis-socjeta' attrici. Ghalhekk l-argument illi l-konvenuti m'ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici hija infondata.

Alavolja l-konvenuti hallsu l-kont tal-perit, u cioe l-ammont ta' Lm400, dan ma jfissirx illi dak dovut minnhom thallas kollu. Huwa ovvju li l-inkarigu li huma stess taw lill-perit kien jinvolvi affarijiet ohra, partikolarment dawk l-affarijiet elenkati fuq il-kont tas-socjeta' attrici. Kif gja intqal, il-konvenuti fl-ebda stadju ma kkonstestaw il-fatt li dan ix-xoghol sar. Gjaladarba x-xoghol sar, irid isir il-hlas tieghu.

Illi mbaghad fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, t-Tribunal jaghmel referenza ghat-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-konvenuti, fejn intqal li hemm diskrepanza fil-kont Dok. A a fol. 2 tal-process peress illi l-VAT gie kkalkolat anki fuq '*disbursements'*, meta kellu jigi kkalkolat biss fuq drittijiet. Bhala fatt huwa minnu illi l-VAT ghandu jigi kkalkolat fuq drittijiet biss u mhux fuq *disbursements*. Pero, jekk wiehed jezamina l-kont in kwistjoni, mhuwiex car jekk l-ammont li gie *discounted* (Lm270.00) tnaqqas mid-drittijiet jew mid-*disbursements*. Jekk dan id-*discount* effettivament elimina l-ammont ta' *disbursements* (Lm120) kif ukoll parti mid-drittijiet, allura jirrizulta li l-VAT inhadem fuq id-drittijiet biss, u b'hekk inhadem korrettement. It-Tribunal josserva li waqt l-istadju tal-provi ma saret l-ebda kjarifika dwar dan, u peress li ma hemm l-ebda prova konkreta in sostenn tat-tezi tal-konvenuti, izda allegazzjoni biss f'dan is-sens, it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni li hemm xi ksur tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta).

> Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, disa mija, tmienja u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2968.55), ekwivalenti ghal Lm1274.40, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.**"**

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti li talbu r-revoka taghha in bazi ghall-istess presuppost sottomess bl-ewwel eccezzjoni taghhom u, cjoe, dak ta' l-inezistenza ta' rapport negozjali bejnhom u l-kumpanija attrici. Apparti xi sottomissjonijiet ohra sekondarji, dan jidher li hu l-aggravju principali ta' l-appellanti;

Huma jillanjaw illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti u wasal ghall-konkluzjoni skoncertanti ghal motiv illi, skond l-evalwazzjoni minnhom tal-provi, jirrizulta illi:-

i. Il-ftehim ghas-servizz professjonali sar unikament mal-Perit Anthony Bezzina personalment;

ii. L-imsemmi Perit qatt ma ghamilha cara illi hu kien qieghed jidher ukoll f'isem il-kumpanija attrici, anke jekk taghha kien l-uniku azzjonista u direttur;

iii. Huwa irrilevanti kif l-istess Perit ghogbu jqassam ix-xoghol internament bejnu u l-kumpanija jew, ukoll, ghall-fatt illi fuq id-dizinji u pjanti lilhom konsenjati kien raffigurat l-isem tal-kumpanija;

iv. Lanqas ma ghandu sustanza rilevanti l-fatt illi huma nghataw zewg kontijiet separati, il-wiehed relattiv ghax-xoghol tal-Perit u l-iehor ghas-servizzi prestati mill-kumpanija, ghaliex huma inkarigaw lilu personalment u mhux ukoll lis-socjeta` attrici;

Esposti dawn il-lanjanzi ghandu jinghad in linea ta' principju generali illi l-instawrazzjoni tar-rapport processwali necessarjament taghmilha r-relazzjoni

antecedenti bejn il-partijiet fil-*lite*. Relazzjoni din li, kif drabi ohra senjalat, tista' titnissel, apparti mill-operat tal-ligi, minn qaghdiet guridici diversi: il-kuntratt, l-intervent delittwuz jew akwiljan, *ope successionis,* jew anke minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni, ad ezempju, certi servitujiet jew qaghdiet kondominjali. Ara "**Focal Martime Services Ltd -vs- Top Hat Co Ltd**", Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2008. Jekk xi wahda minn dawn il-qaghdiet, li minnhom skond l-Artikolu 959 Kodici Civili jitwieldu l-obbligazzjonijiet, ma tissussistix, jigi li l-attur lanqas ma jkollu interess li jagixxi ghaliex hu ma jkunx persuna legittimat *ad causam* di fronte ghall-konvenut u minghandu ma jista' jigi ottenut ebda rizultat utli;

Ragonevolment, meta tqum l-eccezzjoni relattiva ta' l-assenza ta' dik ir-relazzjoni guridika, is-sussistenza, o meno, taghha trid tigi ricerkata mill-provi attendibbli u mill-valutazzjoni taghhom, fil-kumpless konsiderati. Jinkombi allura fuq il-gudikant adit fil-mertu illi jezamina r-rapport dedott fil-kawza u li jattribwixxi lil dak l-istess rapport il-kwalifikazzjoni guridika li hu jidhirlu li hi l-aktar approprijata u konsona mal-fatti allegati u provati mill-partijiet. S'intendi, u dejjem, f'rabta mad-domanda migjuba fil-gudizzju;

Introduttivament ukoll, ma jkunx inopportun li ghal darb'ohra tigi hawn ripetuta l-osservazzjoni mtennija minn din il-Qorti f'kawza li ghandha certu xebh ma' dik in disamina, u cjoe, illi "ma jistax ikun dubitat illi kull att jippresupponi manifestazzjoni ta' volonta`. Manifestazzjoni din li tista' tkun kemm espressa kif ukoll tacita, basta li f'dan l-ahhar kaz il-fatti li jikkonkorru ghaliha jkunu univoci. Hekk, ad ezempju, tali manifestazzjoni tacita tista' tkun estratta minn semplici dikjarazzjoni verbali tal-parti jew minn certa mgieba tieghu" ("**Environmental Management Design & Planning Limited -vs- Carmel Bugeja**", 15 ta' Novembru, 2006);

Premess dan kollu, l-elementi probatorji accertati fil-gudizzju quddiem it-Tribunal huma bejn wiehed u iehor is-segwenti:-

(i) Il-konvenuti kkummissjonaw lill-Arkitett Anthony Bezzina biex jipprepara dizinji ta' "*karting track*" li l-istess konvenuti kienu intenzjonati jressqu bi proposta lill-Assocjazzjoni tal-*karting*;

(ii) Parti estensiva minn din il-preparazzjoni saret mill-kumpanija attrici, li taghha kif inghad, il-Perit imsemmi hu l-uniku direttur u azzjonist, u dan, ghaliex kif spjegat mill-istess Perit hu jalloka x-xoghlijiet ta' *draughtsmanship* u *land surveying* lill-kumpanija tieghu. Ara kontro-ezami tieghu a fol. 43 *et sequitur*;

(iii) Meta tlesta x-xoghol kollu u l-konvenuti hadu in konsenja d-dizinji huma nghataw zewg kontijiet separati t-tnejn datati 3 ta' Novembru, 2005, il-wiehed relattiv ghall-operat tal-Perit innifsu (fol. 30) u l-iehor relattiv ghas-servizzi prestati mill-kumpanija (fol. 31);

(iv) Il-konvenuti ssaldaw l-ewwel kont izda mhux ukoll it-tieni wiehed. Fi kliem ix-xhud il-Perit Bezzina "il-konvenuti qatt ma qaluli illi l-kont tal-kumpanija ma kienx dovut, anzi meta kienu rcevewh kienu qaluli li naghtihom ftit nifs ghax ix-xoghol kien ghadu ma bediex u kienu ghadhom qed jistennew xi permessi mill-MEPA u ghalhekk talbuni ftit cans sabiex ikunu jistghu jhallsu" (ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 47);

(v) Fil-laqgha li nzammet wara li l-konvenuti rcevew l-ewwel missiva minghand l-Avukat tal-kumpanija (ara ittra datata 19 ta' Lulju, 2007 a fol. 4), huma accettaw li ser jghaddu ghall-hlas wara li saritilhom riduzzjoni mill-kont. Ciononostante, ghal darb'ohra baqghu ma hallsux u skond ma jinghad mix-xhud Clayton D'Amato, responsabbli mill-accounts tal-kumpanija, il-konvenuti ppretendew li ghandhom ihallsu biss is-somma ta' Lm500 (ara xhieda tieghu a fol. 37 *et sequitur*);

(vi) Ta’ rilevanza li jigu notati wkoll dawn l-elementi agguntivi ta’ prova, u cjoe, (i) illi l-ewwel inkontru li wassal ghall-inkarigu nzamm fl-ufficcju tal-kumpanija f’Santa Venera (ara Affidavit tal-Perit Bezzina, fol. 16), (ii) li d-dizinji kkonsenjati lill-konvenuti markatament jindikaw fuqhom illi l-istess gew ippreparati mis-socjeta` attrici (ara fol. 33 sa fol. 36), u (iii) li, fil-kaz tal-konvenut Sylvester Mifsud, dan kien konsapevoli mill-ezistenza tal-kumpanija ghaliex fil-passat (is-sena 2000) hu kellu relazzjoni negozjali maghha. Ara x-xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 67;

Unitarjament konsiderati hija wkoll il-fehma ta’ din il-Qorti illi jezistu indikaturi sufficjenti li jwasslu ghal rizultat divers minn dak ikkoncepit mill-appellanti. Il-Qorti la tista’ tiskarta bhala irrelevanti l-fatt li f’xi zmien il-konvenuti kienu xjenti mill-involviment fl-affari tal-kumpanija attrici kif ukoll attestata mill-*presentation posters* li taghhom huma hadu konsenja, u wisq anqas il-fatt li huma nghataw zewg kontijiet separati li huma accettaw li jhallsu. Fundamentalment, imbaghad, il-Qorti ma tistax lanqas tinjora l-kondotta taghhom versanti fuq l-assunzjoni minnhom tal-hlas ta’ dak l-istess kont ghal liema gew ezegwiti s-servizzi prestati mill-kumpanija attrici appellata. B’ripetizzjoni ta’ dak minnha osservat f’dik id-decizjoni l-ohra taghha fuq citata l-Qorti ragonevolment tissupponi, ankorke jista’ jkun mhux espressament, illi ghallanqas il-konvenuti wrew dik il-volonta taghhom li l-kumpanija attrici flimkien ma’ l-Arkitett Bezzina jipprocedu ghall-ezekuzzjoni ta’ dak l-intent persegwit mill-konvenuti b’dak il-progett taghhom. Fic-cirkostanzi dan l-ilment principali ta’ l-appellanti ser ikollu jigi skartat;

Fil-konsiderazzjoni ta’ l-ilment sekondarju in mertu ghall-*VAT Charge* fuq id-*disbursements* kif dettaljati fil-kont a fol. 2, ghandu jinghad illi l-appellanti ghandhom ragun fis-sottomissjoni taghhom illi l-ligi fiskali, ex-Artikolu 3(d) tas-Seba’ Skeda tal-Kapitolu 406, ma timponix dak ic-*charge* fuq id-*disbursements.* Li jfisser, fil-prattika, illi mill-ammont totali pretiz mis-socjeta` attrici ghandha titnaqqas

is-somma ta’ Lm21.60 (ekwivalenti ghall-VAT indebitament iccargjat (18%) fuq is-somma ta’ Lm120 allokata ghad-*disbursements)*. Huwa f’dan is-sens limitat illi s-sentenza appellata ser tigi riformata.

Ghal motivi kollha dedotti din il-Qorti qed tichad l-aggravju principali tal-konvenuti relattiv ghall-karenza eccepita tar-relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Tilqa’ invece l-ilment sekondarju dwar il-VAT charged fuq id-*disbursements* billi telimina mill-ammont reklamat u kanonizzat mit-Tribunal is-somma ta’ wiehed u ghoxrin lira u sittin centezmu (Lm21.60) ossija hamsin euro u wiehed u tletin centezmu (€50.31). Tordna finalment illi l-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont nett ta’ elf mitejn u tnejn u hamsin lira u tmenin centezmu (Lm1252.80) ekwivalenti ghal elfejn disa’ mija u tmintax-il euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2918.24), bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------